KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fil-11 ta' Frar 2021 [1]

Kawża C-921/19

LH
vs
Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats 's-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti fi 's-Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Politika tal-ażil – Proċeduri komuni għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali – Direttiva 2013/32/UE – Motivi ta' inammissibbiltà – Artikolu 40 – Applikazzjoni sussegwenti – Elementi jew fatti ġodda – Standard ta' evalwazzjoni – Oneru tal-prova – Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Protezzjoni kontra tkeċċija"

I. Introduzzjoni

1. Fil-Programm ta' Stokkolma, il-Kunsill Ewropew sostna li "hu kruċjali li l-individwi, irrespettivament mill-Istat Membru fejn tinbagħat l-applikazzjoni tagħhom għall-asil, jingħataw livell ekwivalenti ta' trattament fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' riċeviment, u l-istess livell fir-rigward tal-arranġamenti proċedurali u d-determinazzjoni tal-istatus. L-objettiv għandu jkun li każijiet simili għandhom ikunu trattati bl-istess mod u jirriżultaw fl-istess eżitu" [2]. Dan is-sentiment nobbli jifforma l-isfond għal din it-talba għal deċiżjoni preliminari għaliex id-domandi magħmula jolqtu l-qalba tal-ugwaljanza fit-trattament tal-applikanti għall-ażil, indipendentement mill-Istat Membru li fih jippreżentaw l-applikazzjoni tagħhom għall-ażil.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Punt 6.2 tal-Programm ta' Stokkolma – Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini (ĠU 2010, C 115, p. 1). Dan it-tentattiv li jintlaħaq standard komuni huwa diġà tanġibbli mill-bidla fit-titolu tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU 2013, L 180, p. 60, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-Proċeduri"), kif imqabbla mal-predeċessur tagħha, id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat (ĠU 2005, L 326, p. 13). Madankollu huwa ċar mill-premessa 13 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, li ssemmi biss "l-approssimazzjoni tar-regoli dwar il-proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali", u mill-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, li jawtorizza lill-Istati Membri jintroduċu jew iżommu fis-seħħ standards iktar favorevoli, li d-Direttiva dwar il-Proċeduri ma tippruvax tilħaq armonizzazzjoni kompleta fil-kwistjonijiet li tirregola.

2. Speċifikament, il-kwistjoni prinċipali li tqum f'din il-kawża – jiġifieri, iċ-ċirkustanzi li fihom applikant għall-ażil jista' joqgħod fuq "elementi jew fatti ġodda" għall-finijiet ta' applikazzjoni għall-ażil ġdida bil-mod previst fl-Artikolu 40(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri – hija waħda li kienet is-suġġett ta' interpretazzjonijiet diverġenti fi Stati Membri varji. Proġett ta' riċerka tal-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (iktar 'il quddiem l-"UNHCR") ippubblikat fl-2010 kkonkluda – għalkemm fir-rigward tad-Direttiva 2005/85 – li, dwar din il-fraži, "il-konklużjonijiet tar-riċerka jiżvelaw fil-prattika diverġenza wiesgħa fl-interpretazzjoni. Jidher li din il-fraži hija suġġetta għal interpretazzjonijiet li jvarjaw bejn l-Istati Membri u fl-Istati Membri"[3] [traduzzjoni libera]. Il-Pajjiżi l-Baxxi, il-pajjiż li minnu toriġina din it-talba għal deċiżjoni preliminari, ġie ċċitat bħala wieħed minn tliet Stati li adottaw interpretazzjoni restrittiva[4]. L-UNHCR kompla billi "ssuġġerixxa neċessità ċara għal ċarezza u konsistenza ikbar permezz tal-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi iżjed iddettaljati jew gwida oħra lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet" [traduzzjoni libera][5].

3. Id-Direttiva dwar il-Proċeduri[6] ma tipprovdix għal xi tali dispożizzjoni leġiżlattiva iżjed iddettaljata fir-rigward ta' din il-kwistjoni. Għaldaqstant, probabbilment ma hemmx raġuni sabiex wieħed jemmen li l-interpretazzjoni tal-kriterju "elementi jew fatti ġodda" saret iżjed uniformi fl-Istati Membri differenti.

4. Il-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea kien kjarament konxju li l-għan tiegħu li joħloq proċedura komuni li twassal għal sitwazzjoni fejn każijiet simili jiġu ttrattati bl-istess mod u jirriżultaw fl-istess eżitu fl-Istati Membri differenti jkun jiddependi fuq l-applikazzjoni uniformi mill-Istati tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Huwa għaldaqstant speċifika fil-premessa 10 ta' din id-direttiva li, meta jimplimentawha, l-Istati Membri għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-linji gwida rilevanti żviluppati mill-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO). Sa issa, l-EASO ħareġ għodda prattiċi u gwida f'numru ta' oqsma. Il-kontribut tiegħu fir-rigward ta' applikazzjonijiet sussegwenti, madankollu, kien wieħed limitat[7]. Issa huwa għall-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipprovdi ftit gwida f'dan ir-rigward.

5. Dalwaqt ser nipprova nispjega kif tqum din il-kwistjoni permezz ta' riferiment għall-fatti ta' din il-kawża. Huwa neċessarju, madankollu, li l-ewwel jiġu stabbiliti d-dispożizzjonijiet legali rilevanti.

[3] UNHCR, *Improving Asylum Procedures: Comparative Analysis and Recommendations for Law and Practice, Detailed Research on Key Asylum Procedures Directive Provisions*, Marzu 2010, p. 401 (it-taqsima li tittratta l-applikazzjonijiet sussegwenti tibda fil-paġna 361).

[4] *Ibid.*

[5] *Ibid.*, p. 407.

[6] Minħabba numru ta' bidliet sostantivi, id-Direttiva 2005/85 ġiet irriformulata.

[7] Ara, pereżempju, *EASO Guidance on asylum procedure: operational standards and indicators, EASO Practical Guides Series*, Settembru 2019, Standards 61 sa 63, b'mod partikolari l-punt 62.1, li sempliċement jistaqsi jekk hemmx stabbiliti linji gwida interni dwar x'jistgħu jitqiesu bħala elementi jew fatti ġodda bħala mezz ta' qies dwar jekk ġietx stabbilita proċedura għal eżami preliminari.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva dwar il-Kwalifika

6. L-Artikolu 4(1), (2) u (3) tad-Direttiva 2011/95/UE[8] jittratta l-evalwazzjoni tal-fatti u taċ-ċirkustanzi fir-rigward ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. Dan jipprevedi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jqisuh bħala d-dmir tal-applikant li jissottometti kemm jista' jkun malajr l-elementi kollha meħtieġa biex tiġi sostanzjata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. F'kooperazzjoni mal-applikant huwa d-dmir tal-Istat Membru li jeżamina l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni.

2. L-elementi msemmija fil-paragrafu 1 jikkonsistu mid-dikjarazzjonijiet tal-applikant u d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tal-applikant rigward l-età tal-applikant, l-isfond, inkluż dawk ta' qraba rilevanti, l-identità, in-nazzjonalità(jiet), il-pajjiż(i), u l-post(ijiet) ta' residenza ta' qabel, l-applikazzjonijiet ta'ażil preċedenti, ir-rotot ta' vjaġġar, id-dokumenti ta' vjaġġar u r-raġunijiet għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

3. L-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali trid titwettaq fuq bażi individwali u tinkludi kunsiderazzjoni ta':

(a) il-fatti kollha rilevanti kif jirrelataw mal-pajjiż ta' oriġini fil-mument tat-teħid ta' deċiżjoni fuq l-applikazzjoni, inkluż liġijiet u regolamenti tal-pajjiż tal-oriġini u l-manjiera li biha jiġu applikati;

(b) id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti preżentati mill-applikant inkluż informazzjoni dwar jekk l-applikant kienx jew jistax jiġi suġġett għal persekuzzjoni jew periklu serju;

(c) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, inkluż fatturi bħal ma huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, is-sess u l-età, sabiex jiġi stmat jekk, fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ikunu jammontaw għal persekuzzjoni jew periklu serju;

(d) jekk l-attivitajiet tal-applikant minn meta jkun telaq mill-pajjiż tal-oriġini kinux għall-għan waħdieni jew ewlieni li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġi stmat jekk dawk l-attivitajiet jesponux lill-applikant għal persekuzzjoni jew periklu serju jekk jiġi ritornat lejn dak il-pajjiż;

(e) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġonevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza."

[8] Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) (ĠU 2011, L 337, p. 9, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-Kwalifika").

7. L-Artikolu 4(5) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika jipprevedi li, fejn l-Istati Membri japplikaw il-prinċipju li huwa d-dmir tal-applikant li jissostanzja l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali u fejn aspetti tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant ma humiex sostnuti minn provi dokumentali jew provi oħra, dawk l-aspetti ma għandhomx jeħtieġu konferma jekk ċerti kriterji fir-rigward tal-isforzi u tal-kredibbiltà ġenerali tal-applikant ġew issodisfatti.

8. L-Artikolu 14(3)(b) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika jkompli jipprevedi:

"3. L-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus ta' refuġjat ta' persuna li tkun ċittadin nazzjonali ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat jekk, wara li hija tkun ingħatat status ta' refuġjat, jiġi stabbilit mill-Istat Membru interessat li:

[…]

(b) il-preżentazzjoni qarrieqa ta' fatti jew l-ommissjoni tagħhom, inkluż l-użu ta' dokumenti foloz, kienu deċiżivi għall-għoti tal-istat ta' refuġjat."

2. Id-Direttiva dwar il-Proċeduri

9. Il-premessi 21 u 36 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jipprevedu kif ġej:

"(21) sakemm applikant jista' jagħti raġuni tajba, in-nuqqas ta' dokumenti mad-dħul jew l-użu ta' dokumenti ffalsifikati m'għandux iwassal *per se* għal rikors awtomatiku għal proċeduri tal-fruntiera jew mgħaġġla."

[…]

(36) Fejn sussegwentement applikant jagħmel applikazzjoni mingħajr ma jippreżenta provi jew argumenti ġodda, ikun sproporzjonat li l-Istati Membri jkunu obbligati jwettqu proċedura sħiħa ġdida ta' eżami [proċedura ġdida ta' eżami sħiħ]. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jirrifjutaw applikazzjoni bħala inamissibbli taħt il-prinċipju ta' *res judicata*."

10. L-Artikolu 31 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jistabbilixxi ċerti regoli għall-proċedura ta' eżami fir-rigward tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali. L-Artikolu 31(1) jittratta r-regola ġenerali, filwaqt li l-Artikolu 31(8)(e) u (f) fih eċċezzjonijiet:

"1. L-Istati Membri għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijet għall-protezzjoni internazzjonali fi proċedura ta' eżami b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II.

[…]

8. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li proċedura ta' eżami konformi mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II tiġi mgħaġġla u/jew titmexxa fil-fruntiera jew fiż-żoni ta' transitu taħt l-Artikolu 43 jekk:

[…]

(e) l-applikant ikun għamel rappreżentazzjonijiet li b'mod ċar kienu inkonsistenti u kontradittorji li jkunu foloz jew manifestament improbabbli jew insuffiċjenti li jikkontradixxu informazzjoni vverfikata kif xieraq dwar il-pajjiż ta' oriġini, li konsegwentement jwasslu biex it-talba tiegħu/tagħha ma tkunx tidher konvinċenti fir-rigward tad- jekk huwa/hija jikkwalifikaw/tikkwalifikax bħala benefiċjarju/benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE; jew

(f) l-applikant ikun ippreżenta applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali li mhix ammissibbli f'konformità mal-Artikolu 40(5); […]"

11. L-Artikolu 33(2)(d) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, li jittratta l-inammissibbiltà ta' applikazzjonijiet, jipprevedi:

"2. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali bħala inammissibbli biss jekk:

[…]

(d) l-applikazzjoni tkun applikazzjoni sussegwenti, fejn ebda elementi jew sejbiet [fatti] ġodda relatati mal-eżami dwar jekk l-applikant jikkwalifikax bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE ma' jkunu rriżultaw jew ġew ippreżentati mill-applikant; […]."

12. L-Artikolu 40 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri huwa intitolat "Applikazzjoni sussegwenti". Il-paragrafi 1 sa 5 tiegħu huma ċentrali għal kwalunkwe kunsiderazzjoni ta' din il-kawża u jipprevedu:

"1. Fejn persuna li applikat għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri jew applikazzjoni sussegwenti fl-istess Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jeżamina dawn is-sottomissjonijiet ulterjuri jew l-elementi tal-applikazzjoni sussegwenti fil-kuntest tal-eżami tal-applikazzjoni preċedenti jew fil-kuntest tal-eżami tad-deċiżjoni li tkun qiegħda tiġi riveduta jew appellata sa fejn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu kont ta' u jikkunsidraw l-elementi kollha li fuqhom ikunu bażati s-sottomissjonijiet ulterjuri jew l-applikazzjoni sussegwenti f'dan il-qafas.

2. Għall-finijiet tat-teħid ta' deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali taħt l-Artikolu 33(2)(d), applikazzjoni sussegwenti għal protezzjoni internazzjonali għandha tkun suġġetta l-ewwel għal eżami preliminari dwar jekk, ikunux instabu, jew ġew ippreżentati mill-l-applikant elementi jew sejbiet [fatti] ġodda dwar l-eżami jekk dan jikkwalifikax bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE.

3. Jekk l-eżami preliminari msemmi fil-paragrafu 2, jikkonkludi li jitfaċċaw jew jiġu preżentati mill-applikant elementi jew konklużjonijiet ġodda li jżidu sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali taħt id-Direttiva 2011/95/UE, l-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata ulterjorment skont il-Kapitolu II. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal raġunijiet oħrajn għal eżami ulterjuri ta' applikazzjoni sussegwenti.

4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-applikazzjoni tiġi eżaminata ulterjorment biss jekk l-applikant konċernat kien, mingħajr ħtija tiegħu, inkapaċi li jiddikjara s-sitwazzjonijiet previsti

fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu fil-proċedura preċedenti, partikolarment billi jeżerċita d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv taħt l-Artikolu 46.

5. Fejn applikazzjoni sussegwenti ma tiġix eżaminata ulterjorment taħt dan l-Artikolu, għandha titqies bħala inammissibbli, taħt l-Artikolu 33(2)(d)."

13. L-Artikolu 42(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu fid-dritt nazzjonali regoli dwar l-eżami preliminari, inkluż li dan jista' jsir mingħajr intervista personali.

B. Id-dritt Olandiż

14. L-Artikolu 30a, fis-seħħ mill-20 ta' Lulju 2015, tal-Vreemdelingenwet 2000 (il-Liġi dwar iċ-Ċittadini Barranin tal-2000), jipprevedi:

"1. Applikazzjoni għall-ħruġ ta' permess ta' residenza [għal motivi ta' asil] għal perijodu fiss tista' tiġi ddikjarata inammissibbli fis-sens tal-Artikolu 33 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, jekk:

[…]

d. iċ-ċittadin barrani ppreżenta applikazzjoni għall-asil sussegwenti li huwa ma bbażahiex fuq xi elementi jew fatti ġodda jew li fiha ma ġie indikat l-ebda element jew fatt ġdid li jista' jkun rilevanti għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni; […]

[…]"

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15. LH huwa ċittadin Afgan, li kien ilu jaħdem għal madwar tliet snin bħala xufier tad-direttur ta' aġenzija tar-rikostruzzjoni u tal-iżvilupp ta' reġjun rurali ta' provinċja partikolari fl-Afganistan (iktar 'il quddiem il-"persuna li kienet timpjega"). Wara t-tluq tiegħu mill-Afganistan u l-wasla tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi, huwa applika għall-asil fuq il-bażi li matul dan l-impjieg huwa kien ġie attakkat mit-Taliban f'diversi okkażjonijiet. LH sostna ulterjorment li huwa ġie mhedded personalment bid-dekapitazzjoni jekk ma jċedix f'idejn it-Taliban lill-uffiċjal li tiegħu huwa kien xufier.

16. Id-dikjarazzjonijiet dwar l-attakki biss ġew meqjusa kredibbli mill-iStaatssecretaris van Justitie en Veiligheid (is-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem is-"Segretarju tal-Istat"), l-awtorità kompetenti responsabbli għad-determinazzjoni [9] f'dan il-każ. L-allegazzjonijiet tal-aħħar rigward it-theddid personali ma kinux, madankollu, meqjusa kredibbli mis-Segretarju tal-Istat meta LH applika għall-asil fil-Pajjiżi l-Baxxi.

17. LH kien ippreżenta dik li nstabet li hija l-ewwel applikazzjoni tiegħu għall-asil mal-awtoritajiet Olandiżi fit-8 ta' Diċembru 2015. Sabiex isostni l-applikazzjoni tiegħu, huwa kien, fost affarijiet oħra, ipproduċa dikjarazzjoni mill-persuna li kienet timpjegah flimkien ma' dikjarazzjoni mill-korp lokali tat-tifi tan-nar tar-raħal fejn kien jgħix, it-tnejn li huma rċevuti permezz tal-posta elettronika/internet. Id-dikjarazzjoni mill-korp tat-tifi tan-nar ikkonfermat li

[9] Artikolu 2(f) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri.

d-dar ta' LH kienet ġiet maħruqa wara l-ħarba tiegħu mill-Afganistan. Din id-dikjarazzjoni kienet tinkludi deskrizzjoni ta' x'kien ġara. Din kienet akkumpanjata b'ritratti tad-dar meqruda. Għalkemm ma huwiex magħruf min ta n-nar lid-dar, LH isostni li huwa probabbli li l-att twettaq mit-Taliban.

18. Minħabba li d-dikjarazzjoni tiegħu li huwa ġie personalment mhedded mit-Taliban ma tqisitx kredibbli, l-applikazzjoni tiegħu għall-ażil ġiet miċħuda mis-Segretarju tal-Istat fit-8 ta' Ġunju 2017. L-appell minn dik id-deċiżjoni lill-qorti tar-rinviju, ir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats 's-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti fi 's-Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi), ġie miċħud bħala infondat. Din id-deċiżjoni ġiet imbagħad ikkonfermata fit-23 ta' Marzu 2018 mill-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem il-"Kunsill tal-Istat"). Minħabba li l-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat) hija l-ogħla qorti amministrattiva għal kwistjonijiet ta' immigrazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi, din id-deċiżjoni kienet saret għalhekk finali.

19. Ftit xhur wara, fis-26 ta' Settembru 2018, LH ippreżenta t-tieni applikazzjoni għall-ażil lis-Segretarju tal-Istat. Huwa aċċettat li din kienet "applikazzjoni sussegwenti" għall-ażil fis-sens tal-Artikolu 2(q) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. F'din it-tieni applikazzjoni, LH fittex li jsaħħaħ il-kredibbiltà tad-dikjarazzjoni tiegħu li huwa kien ġie mhedded b'mod individwali mit-Taliban. Għal dan il-għan, huwa ssottometta ċerti dokumenti ulterjuri, inkluż l-oriġinali tad-dikjarazzjoni mill-korp tat-tifi tan-nar flimkien ma' marki tas-swaba' ta' xhieda. LH issottometta wkoll l-oriġinali tad-dikjarazzjoni tal-persuna li kienet timpjegah u kopja tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu. Huwa spjega wkoll għaliex ma kienx seta' jipprovdi dawn id-dokumenti matul l-applikazzjoni preċedenti.

20. Is-Segretarju tal-Istat ikkunsidra li l-applikazzjoni sussegwenti kienet inammissibbli. Skont is-Segretarju tal-Istat, dawn id-dokumenti setgħu jitqiesu biss bħala "elementi jew fatti ġodda" għall-finijiet ta' applikazzjoni sussegwenti jekk kien muri li d-dokumenti l-ġodda sottomessi kienu awtentiċi. Minħabba li s-servizz rilevanti tal-Gvern li eżamina d-dokumenti ma kellu ebda materjal ta' riferiment għad-dispożizzjoni tiegħu, huwa ma setax jiddetermina jekk id-dokumenti kinux tfasslu minn awtorità kompetenti, u lanqas ma seta' jiġġudika n-natura awtentika u l-preċiżjoni sostantiva tagħhom. Permezz ta' dan l-approċċ formali għall-evalwazzjoni dwar jekk dokumenti kinux meqjusa li huma "elementi jew fatti ġodda", is-Segretarju tal-Istat segwa l-ġurisprudenza stabbilita tal-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat).

21. LH appella minn din id-deċiżjoni u ressaq talba għal miżuri provviżorji quddiem il-qorti tar-rinviju fl-4 ta' Settembru 2019. LH joġġezzjona li l-appell tiegħu ġie miċħud awtomatikament bħala inammissibbli mingħajr ma s-Segretarju tal-Istat imqar evalwa l-valur probatorju tad-dokumenti oriġinali sottomessi minnu. LH huwa tal-fehma li huwa impossibbli għalih li jipprova n-natura awtentika tad-dokumenti oriġinali għaliex huwa la għandu r-riżorsi finanzjarji u lanqas il-mezzi prattiċi sabiex jagħmel dan. Minħabba l-fatt li ħafna mid-dokumenti joriġinaw mill-awtoritajiet Afgani, LH jargumenta li s-Segretarju tal-Istat huwa f'pożizzjoni ħafna aħjar sabiex iwettaq investigazzjoni ulterjuri billi jikkuntattja direttament lil dawn l-awtoritajiet Afgani. Għalhekk, huwa jikkunsidra li huwa irraġonevoli li l-oneru tal-prova jitpoġġa fuqu biss billi awtomatikament jiġu miċħuda dawn id-dokumenti oriġinali.

22. Il-qorti tar-rinviju tinnota li l-eżami tas-Segretarju tal-Istat ma żvela ebda indikazzjoni li d-dokumenti ma kinux awtentiċi jew li ma kinux joriġinaw minn awtorità kompetenti, jew li l-kontenut tagħhom ma kienx preċiż. Fil-fatt, is-Segretarju tal-Istat lanqas biss qajjem ebda dubju konkret rigward in-natura awtentika tad-dokumenti. Huwa sempliċement ma setax jevalwa jekk id-dokumenti kinux jissodisfaw dawn il-kriterji. Jista' jiġi osservat li, skont ir-regoli u l-prattika tiegħu, is-Segretarju tal-Istat ma kienx ipprovda smigħ lil LH qabel ma ċaħad l-appell tiegħu.

23. Il-qorti tar-rinviju għandha d-dubji dwar jekk il-ġurisprudenza stabbilita tal-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat) deskritta iktar 'il fuq hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, hija tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") fil-kawża M.D. u M.A. vs Il-Belġju, fejn il-Qorti EDB iddeċidiet li ċaħda ta' dokumenti mingħajr evalwazzjoni tan-natura awtentika, tar-rilevanza u tal-valur probatorju tagħhom tikkostitwixxi approċċ wisq formalistiku, anki f'applikazzjoni sussegwenti [10].

24. Il-qorti tar-rinviju tibża' li jekk dokumenti oriġinali ma jiġux evalwati b'mod sostantiv minħabba l-fatt biss li n-natura awtentika tagħhom ma tkunx tista' tiġi stabbilita, dan jista' jkun kuntrarju għad-dritt għall-ażil, għall-projbizzjoni ta' refoulement u għad-dritt għal rimedju effettiv kif stabbiliti fl-Artikoli 18, 19 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), speċjalment meta interpretati skont l-Artikoli 3 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Dan huwa partikolarment il-każ għaliex il-prattika li jiġu skartati dokumenti oriġinali li n-natura awtentika tagħhom ma tkunx tista' tiġi stabbilita (iktar 'il quddiem id-"dokumenti mhux awtentikati") fi proċeduri sussegwenti tfisser li deċiżjoni tista' ttieħed mingħajr ma jiġi pprovdut smigħ lill-applikant.

25. Il-qorti tar-rinviju tasserixxi ulterjorment li huwa biss fi proċeduri sussegwenti li dokumenti mhux awtentikati ma humiex evalwati filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-proċeduri oriġinali. Hija tispjega li l-ġurisprudenza stabbilita tal-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat) tenfasizza l-fatt li r-raġunament tal-applikant diġà ġie ġġudikat li ma huwiex kredibbli u li dan jista' jittieħed inkunsiderazzjoni mis-Segretarju tal-Istat fl-evalwazzjoni tiegħu ta' dokumenti mhux awtentikati. Minħabba li l-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat) fil-ġurisprudenza stabbilita tagħha ddeċidiet biss dwar l-oneru tal-prova, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf ukoll jekk kopji għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti f'dan ir-rigward minn dokumenti li ġejjin minn sors li ma jistax jiġi vverifikat b'mod oġġettiv. Hija għandha wkoll dubji dwar jekk l-oneru tal-prova għan-natura awtentika tad-dokumenti jistax jaqa' biss fuq l-applikant għal protezzjoni internazzjonali f'applikazzjoni sussegwenti.

26. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha, li tagħti miżuri provviżorji sakemm l-appell jiġi deċiż u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Huwa kompatibbli mal-Artikolu 40(2) tad-Direttiva [dwar il-Proċeduri], moqri flimkien mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva [dwar il-Kwalifika] u mal-Artikoli 47 u 52 tal-[Karta], li l-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni ta' Stat Membru tipprevedi li dokumenti oriġinali qatt ma jistgħu jikkostitiwixxu elementi jew fatti ġodda jekk in-natura awtentika ta'

[10] Il-Qorti EDB, 19 ta' Jannar 2016 (CE:ECHR:2016:0119JUD005868912, punti 55 u 64).

dawn id-dokumenti ma tkunx tista' tiġi stabbilita? Fil-każ li dan ma huwiex kompatibbli, jagħmel differenza jekk, f'applikazzjoni sussegwenti, l-applikant jissottometti kopji ta' dokumenti jew dokumenti li ġejjin minn sors li ma jistax jiġi vverifikat b'mod oġġettiv?

(2) L-Artikolu 40 tad-Direttiva [dwar il-Proċeduri], moqri flimkien mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva [dwar il-Kwalifika], għandu jiġi interpretat fis-sens li, fl-evalwazzjoni ta' dokumenti u fl-attribuzzjoni ta' valur probatorju lil dawn id-dokumenti, l-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni ta' Stat Membru hija awtorizzata tagħmel distinzjoni bejn dokumenti prodotti mal-ewwel applikazzjoni u dawk prodotti meta ssir l-applikazzjoni sussegwenti? Stat Membru huwa awtorizzat, fil-kuntest tal-produzzjoni ta' dokumenti meta ssir applikazzjoni sussegwenti, li ma jibqax jikkonforma mal-obbligu ta' kooperazzjoni jekk in-natura awtentika ta' dawn id-dokumenti ma tkunx tista' tiġi stabbilita?"

27. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati minn LH, mill-Gvern Olandiż u mill-Kummissjoni Ewropea.

IV. Analiżi

28. Iż-żewġ domandi jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 40 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri meta moqri flimkien mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf jekk interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li jimplimenta l-Artikolu 40(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri li skontha dokumenti mhux awtentikati qatt ma jistgħu jikkostitwixxu "elementi jew fatti ġodda" tmurx kontra din id-dispożizzjoni u l-Artikoli 47 u 52 tal-Karta. Għalhekk, id-domanda tiffoka fuq x'jistgħu jitqiesu bħala "elementi jew fatti ġodda" għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-rifjut awtomatiku ta' dokumenti mhux awtentikati huwa pprojbit minn din id-dispożizzjoni, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf fit-tieni parti tal-ewwel domanda jekk din l-evalwazzjoni tinbidilx fil-każ ta' kopji iktar milli dokumenti oriġinali mhux awtentikati. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk awtorità responsabbli għad-determinazzjoni tistax fl-evalwazzjoni tagħha ta' dokumenti tiddistingwi bejn dokumenti sottomessi fl-ewwel applikazzjoni u dawk sottomessi f'applikazzjoni sussegwenti u jekk, fil-każ tal-aħħar, Stat Membru jistax jiddeċiedi li ma jibqax jikkonforma mal-obbligu ta' kooperazzjoni jekk in-natura awtentika ta' dawn id-dokumenti ma tkunx tista' tiġi stabbilita.

29. Dawn id-domandi tant huma fil-fatt marbuta ma' xulxin li nipproponi li neżamina dawn id-domandi flimkien.

A. Kummenti preliminari

30. L-ewwel, għandu jingħad li anki jekk id-Direttiva dwar il-Proċeduri taspira għal sitwazzjoni fejn każijiet simili jiġu ttrattati bl-istess mod u jirriżultaw fl-istess eżitu, l-approċċ tagħha huwa bbażat fuq il-kunċett ta' proċedura unika u regoli komuni minimi [11]. Id-direttiva madankollu fiha numru ta' dispożizzjonijiet li jawtorizzaw speċifikament lill-Istati Membri jipprovdu regoli differenti jew addizzjonali – lil hinn mill-awtorità ġenerali sabiex jintroduċu jew iżommu

[11] Ara, għal dan il-għan, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, A (C-404/17, EU:C:2018:588, punt 30), kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Addis (C-517/17, EU:C:2020:225, punt 74).

standards iżjed favorevoli stabbilita fl-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Tali diskrezzjoni, għandha, madankollu, tiġi eżerċitata b'konformità mal-għanijiet li fuqhom hija bbażata d-direttiva kif ukoll mal-Karta [12].

31. Fir-rigward ta' applikazzjonijiet sussegwenti, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal iżjed raġunijiet sabiex jeżaminaw applikazzjoni sussegwenti [13]. Huma jistgħu wkoll jipprovdu li eżami ulterjuri ta' applikazzjoni sussegwenti jeħtieġ li applikant ma jkunx kapaċi jasserixxi l-provi li fuqhom ibbaża l-applikazzjoni tiegħu fil-proċedura ta' qabel mingħajr ħtija tiegħu [14]. L-Istati Membri għandhom ukoll id-diskrezzjoni li jagħmlu eċċezzjonijiet għad-dritt ta' permanenza [15] u fir-rigward ta' regoli proċedurali [16]. Dalwaqt ser nirritorna għat-tieni waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.

B. L-istruttura tal-proċedura għal applikazzjonijiet sussegwenti

32. L-Artikolu 40(2) u (3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jipprevedi proċedura preliminarja [17] meta tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà ta' applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali wara ċ-ċaħda ta' applikazzjoni preċedenti għal dan il-għan. Dan jistabbilixxi żewġ kriterji. L-ewwel, "elementi jew fatti ġodda" għandhom ikunu qamu jew ġew ippreżentati mill-applikant li jirrelataw mal-eżami dwar jekk l-applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali. It-tieni, dawn l-elementi jew fatti ġodda għandhom iżidu sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali permezz tad-Direttiva dwar il-Kwalifika. It-tieni pass jiddependi fuq li l-ewwel wieħed jiġi ssodisfatt. Jekk dawn iż-żewġ kriterji jiġu ssodisfatti, l-Artikolu 40(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri mbagħad jipprevedi li l-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata ulterjorment skont il-Kapitolu II tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Il-Kapitolu II jelenka l-prinċipji u l-garanziji bażiċi li fuqhom huma bbażati l-proċeduri għall-għoti u għall-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali. Waqt l-eżami preliminari, għall-kuntrarju, applikanti jgawdu (biss) il-garanziji previsti fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri skont l-Artikolu 42(1) tagħha [18].

[12] Ara, fir-rigward ta' direttivi oħrajn li jappartjenu lis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, is-sentenzi tal-21 ta' Diċembru 2011, N.S. *et* (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865, punt 68); tat-13 ta' Marzu 2019, E. (C-635/17, EU:C:2019:192, punt 53); u tat-12 ta' Diċembru 2019, Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal (Riunifikazzjoni tal-familja – oħt refuġjat) (C-519/18, EU:C:2019:1070, punti 62 u 64).

[13] Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 40(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri.

[14] Artikolu 40(4) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Il-proċedura deskritta fl-Artikolu 40 tista' wkoll tiġi applikata fil-każijiet stabbiliti fil-paragrafu 6 ta' dan l-artikolu. Madankollu, dawn il-każijiet ma humiex inkwistjoni hawnhekk.

[15] Artikolu 41 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Dan, madankollu, ma huwiex inkwistjoni hawnhekk.

[16] Artikolu 42(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri.

[17] Din il-proċedura preliminari ġiet speċifikament prevista fl-Artikolu 40(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri fir-rigward ta' applikazzjonijiet sussegwenti u għandha tiġi distinta mill-ewwel applikazzjoni.

[18] Filwaqt li hemm biss riferiment għall-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri u wieħed jista' jikkonkludi mill-Artikolu 40(3) ta' din id-direttiva li mhux id-dispożizzjonijiet kollha tat-Tieni Kapitolu huma applikabbli għall-eżami preliminari, dan ma jfissirx li l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni sħiħa dwar kif għandhom iwettqu din il-proċedura. Ara, pereżempju, is-sentenza tad-9 ta' Frar 2017, M (C-560/14, EU:C:2017:101, punt 25), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li d-dritt għal smigħ jifforma parti integrali mid-drittijiet tad-difiża, li l-osservanza tiegħu tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u għalhekk japplika meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri jadottaw miżuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, anki meta l-leġiżlazzjoni applikabbli ma pprevedietx espressament għal tali rekwiżit proċedurali. Is-sempliċi riferiment fl-Artikolu 42(1) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri li għandu jiġi żgurat li l-applikanti jgawdu l-garanziji previsti fl-Artikolu 12(1) tagħha f'eżami preliminari għalhekk ċertament ma jfissirx li r-rekwiżiti għall-eżami ta' applikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 ta' din id-direttiva, li fih numru ta' regoli fundamentali (pereżempju, li applikazzjonijiet għandhom jiġu eżaminati u d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod oġġettiv u imparzjali skont paragrafu 3(a)), ma japplikawx fil-każ ta' eżami preliminari.

33. Filwaqt li l-Artikolu 42(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jawtorizza lill-Istati Membri jistabbilixxu regoli fid-dritt nazzjonali fir-rigward tat-twettiq tal-eżami preliminari, ma hemm l-ebda diskrezzjoni għall-Istati Membri fir-rigward tal-kriterji għall-eżami preliminari [19]. Jekk hemm "elementi jew fatti ġodda" u jekk iżidu sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali [20], din l-applikazzjoni għall-ażil il-ġdida għandha tiġi eżaminata ulterjorment. L-Artikolu 42(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jawtorizza wkoll lill-Istati Membri jistabbilixxu regoli li jobbligaw lill-applikanti fi proċeduri sussegwenti jindikaw fatti u jissostanzjaw provi li jiġġustifikaw proċedura ġdida kif ukoll iwettqu eżami preliminari fuq il-bażi unika ta' sottomissjonijiet bil-miktub [21]. Din id-dispożizzjoni, madankollu, tipprevedi li dawn ir-regoli "ma għandhomx jagħmlu impossibbli l-aċċess, fir-rigward tal-applikanti, għal proċedura ġdida u ma għandhomx jirriżultaw fit-tneħħija effettiva jew f'limitazzjoni serja ta' dan l-aċċess" [22].

34. Min-naħa tiegħi, madankollu, nikkunsidra li l-prattika tas-Segretarju tal-Istat – li, skont il-qorti tar-rinviju, ġiet ikkonfermata mill-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat) – li dokumenti mhux awtentikati *qatt* ma jitqiesu bħala "elementi jew fatti ġodda" għall-finijiet ta' applikazzjoni sussegwenti ma taqax fi ħdan l-eċċezzjoni prevista mill-Artikolu 42(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Jiena ta' din il-fehma għaliex din il-prattika ma tikkonċernax is-suġġetti koperti minn din l-eċċezzjoni, u lanqas ma jidher li hemm tali regola pożittiva tad-dritt nazzjonali fil-Pajjiżi l-Baxxi [23] li speċifikament tfittex li tagħti effett lil din il-prattika.

35. Kif spjegat il-qorti tar-rinviju, dokumenti mhux awtentikati pprovduti minn applikant għall-ażil f'applikazzjoni sussegwenti ma humiex meħuda inkunsiderazzjoni mis-Segretarju tal-Istat sempliċement għaliex ma humiex meqjusa bħala "elementi jew fatti ġodda". Dan ifisser li huma diġà mwarrba taħt l-ewwel kriterju li jinstab fl-Artikolu 40(2) iktar milli t-tieni kriterju li jinstab fl-Artikolu 40(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Hekk kif ser nispjega hawn taħt, jiena tal-fehma li regola jew prattika *ex ante* ta' dan it-tip hija sempliċement inkonsistenti mal-Artikolu 40(2) u (3) ta' din id-direttiva. Jista' jkun hemm, ovvjament, ħafna okkażjonijiet fejn dokumenti mhux awtentikati jkunu bla valur fir-rigward tal-valur probatorju tagħhom, jekk xejn meta anki eżami każwali juri li ġew iffabbrikati għal dawn il-finijiet. Imma tali dokumenti kollha mhux awtentikati ma jistgħux jiġu sempliċement miċħuda mill-ewwel: ħafna jiddependi fuq kwistjonijiet ta' kuntest, rilevanza, vijabbiltà tan-natura awtentika u forsi anki f'ċertu okkażjonijiet il-piż li kwalunkwe sforz sabiex jiġu awtentikati d-dokumenti jimponi fuq l-awtorità li tiddeċiedi.

[19] Ħlief li l-Istati Membri jistgħu jipprevedu raġunijiet oħra sabiex applikazzjoni sussegwenti tiġi eżaminata ulterjorment skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 40(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, u b'koerenza mal-prinċipju li l-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet iżjed favorevoli (ara l-Artikolu 5 u l-premessa 14 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri).

[20] Dan il-kriterju ċertament jippermetti marġni ta' diskrezzjoni mill-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni. Marġnijiet ta' diskrezzjoni ma għandhomx, madankollu, jintużaw sabiex jintilef l-iskop tad-direttiva (ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża E., C-635/17, EU:C:2018:973, punt 51, fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224)).

[21] Bl-eċċezzjoni tal-każijiet skont l-Artikolu 40(6) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri li ma humiex inkwistjoni hawnhekk. Il-Pajjiżi l-Baxxi adottaw regoli rispettivi fl-Artikolu 3.118b tal-Vreemdelingenbesluit 2000 (id-Digriet dwar iċ-Ċittadini Barranin 2000) u fil-punt C1/2.9 tal-Vreemdelingencirculaire 2000 (iċ-Ċirkolari dwar iċ-Ċittadini Barranin 2000) li jittrattaw il-possibbiltà tat-teħid ta' deċiżjoni mingħajr ma ssir intervista personali. Il-prattika li qatt ma jiġu aċċettati dokumenti mhux awtentikati bħala "elementi jew fatti ġodda" hija, madankollu, ibbażata fuq prattika u l-ġurisprudenza stabbilita tal-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat).

[22] Skont il-qorti tar-rinviju, il-Pajjiżi l-Baxxi użaw dawn il-possibbiltajiet. Madankollu, id-domandi tal-qorti tar-rinviju ma jirrigwardawhomx direttament iżda pjuttost jirrigwardaw l-interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza tal-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat) lill-Artikolu 30a(1)(d) tal-Liġi dwar iċ-Ċittadini Barranin tal-2000 li jimplimenta r-regoli dwar applikazzjonijiet sussegwenti fid-dritt Olandiż.

[23] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, A (C-404/17, EU:C:2018:588, punt 31).

C. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

36. F'dan l-istadju, jista' jkun konvenjenti li jiġu eżaminati żewġ deċiżjonijiet reċenti tal-Qorti EDB li jittrattaw il-kwistjoni tan-natura awtentika ta' dokumenti f'każijiet tal-ażil, li għalihom għamlet riferiment speċifiku l-qorti tar-rinviju. L-ewwel waħda hija Singh *et* vs Il-Belġju [24]. Dan kien każ fejn l-applikanti kienu oriġinarjament waslu fl-Ajruport ta' Brussell fuq titjira minn Moska. Huma opponew li jitkeċċew lejn ir-Russja għaliex beżgħu li mbagħad jiġu rripatrijati lejn l-Afganistan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB. L-applikanti sostnew li huma kienu Sikh li oriġinarjament kienu ħarbu mill-Afganistan.

37. It-talba tagħhom għall-istatus ta' refuġjat ġiet, madankollu, miċħuda mill-awtoritajiet tal-ażil Belġjani għaliex huma kienu naqsu milli jipprovaw in-nazzjonalità Afgana tagħhom. Fil-mori ta' appell, l-applikanti pprovdew dokumenti ġodda, jiġifieri, posta elettronika bejn ir-rappreżentanti legali tagħhom u rappreżentant tal-Kumitat Belġjan għall-Appoġġ tar-Refuġjati (imsieħeb tal-UNHCR) u l-UNHCR fi New Delhi. Ir-rappreżentant tal-UNHCR fi New Delhi kien ipprovda, permezz ta' annessi mal-posta elettronika, "ċertifikati" li indikaw li l-applikanti kienu mniżżla bħala refuġjati taħt il-mandat tal-UNHCR. Minkejja r-riżultanza ta' din id-dokumentazzjoni l-ġdida, il-Conseil du contentieux des étrangers (il-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin, il-Belġju) madankollu ddeċieda sfavorevolment għad-dikjarazzjoni ta' nazzjonalità Afgana. Huwa ddeċieda li d-dokumenti l-ġodda kellhom jiġu ttrattati bħala li ma għandhomx valur konvinċenti abbażi tal-fatt li kienu ta' tip li kien faċli li jiġi ffalsifikat, filwaqt li kkonstata li l-applikanti kienu naqsu milli jipprovdu l-oriġinali tad-dokumenti rilevanti.

38. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti EDB ikkonstatat ksur tal-Artikolu 13 tal-KEDB (id-dispożizzjonijiet dwar rimedju effettiv) flimkien mal-Artikolu 3 tal-KEDB. Filwaqt li indikat il-konsegwenzi li jkunu potenzjalment serji għall-applikanti, il-Qorti EDB ikkonkludiet [25] li l-obbligu tal-awtoritajiet tal-Istat kien li juru li huma kienu kemm jista' jkun rigorużi u li wettqu stħarriġ bir-reqqa ("un examen attentif") tat-talbiet ibbażati fuq l-Artikolu 3 tal-KEDB. Dan ifisser li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ineħħu kull dubju, ikun kemm ikun leġittimu, dwar jekk applikazzjoni għal protezzjoni tkunx fondata ħażin, irrispettivament mill-ambitu tal-kompetenza tal-awtorità [26]. Il-Qorti EDB osservat li, minħabba li d-dokumenti kienu fil-qalba tat-talba għal protezzjoni, iċ-ċaħda tagħhom mingħajr "il-verifika tan-natura awtentika tagħhom" ma osservatx l-istħarriġ bir-reqqa u rigoruż mistenni mill-awtoritajiet nazzjonali mir-rekwiżiti ta' rimedju effettiv tal-Artikolu 13 tal-KEDB sabiex jiġu protetti l-individwi kkonċernati minn tortura

[24] Il-Qorti EDB, 2 ta' Ottubru 2012, Singh *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2012:1002JUD003321011).

[25] *Ibid*., punt 103.

[26] *Ibid*. Il-Qorti EDB iddeċidiet diversi drabi li l-applikazzjoni flimkien tal-Artikoli 3 u 13 tal-KEDB teħtieġ li rimedju effettiv ikun disponibbli għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali jekk ikun hemm bażi sostanzjali sabiex wieħed jemmen li l-applikant, jekk jiġi mkeċċi, jaffaċċja riskju individwali u reali li jkun suġġett għal trattament li jmur kontra l-Artikolu 3 tal-KEDB. F'tali każ l-Artikolu 3 tal-KEDB jimplika obbligu li l-persuna inkwistjoni ma titkeċċiex lejn dak il-pajjiż. Minħabba l-importanza tal-Artikolu 3 tal-KEDB u n-natura irriversibbli tad-dannu li jista' jiġi kkawżat bil-ksur tiegħu, l-Artikolu 13 tal-KEDB jeħtieġ stħarriġ bir-reqqa u eżami indipendenti u rigoruż ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li tindika riskju li l-applikant jista' jiġi suġġett għal trattament li jmur kontra l-Artikolu 3 tal-KEDB jekk huwa jitkeċċa (il-Qorti EDB, 21 ta' Jannar 2011, M.S.S. vs Il-Belġju u L-Greċja CE:ECHR:2011:0121JUD003069609, punti 293 u 387 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, il-Qorti EDB, 12 ta' Diċembru 2012, F.N. *et* vs L-Isvezja (CE:ECHR:2012:1218JUD002877409, punt 66), u l-Qorti EDB, 18 ta' Novembru 2013, M.A. vs L-Isvizzera (CE:ECHR:2014:1118JUD005258913, punti 52 u 53), kif ukoll l-analiżi tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB fil-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Alheto (C-585/16, EU:C:2018:327, punti 68 u 69) fir-rigward tal-Artikolu 46(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Għandu jingħad ukoll li l-Artikolu 3 tal-KEDB ma jkoprix biss tortura jew trattament inuman jew degradanti minn uffiċjali pubbliċi iżda japplika wkoll fejn il-perikolu, bħal f'din il-kawża, jirriżulta minn persuni jew gruppi ta' persuni li ma humiex uffiċjali pubbliċi jekk jista' jintwera li r-riskju huwa reali u li l-awtoritajiet tal-Istat riċeventi ma jistgħux ineħħu r-riskju billi jipprovdu protezzjoni xierqa. Ara, għal dan il-għan, il-Qorti EDB, 17 ta' Diċembru 1996, Ahmed vs L-Awstrija (CE:ECHR:1996:1217JUD002596494), u l-Qorti EDB, 4 ta' Ġunju 2015, J.K. *et* vs L-Isvezja (CE:ECHR:2015:0604JUD005916612, punt 50).

jew trattament inuman jew degradanti taħt l-Artikolu 3 tal-KEDB f'ċirkustanzi fejn proċess (relattivament) sempliċi ta' investigazzjoni tal-UNHCR kien isolvi konklużivament jekk kinux awtentiċi u affidabbli [27].

39. It-tieni deċiżjoni hija M.D. u M.A. vs Il-Belġju [28]. Dan il-każ kien jikkonċerna żewġ ċittadini Russi li joriġinaw miċ-Chechnya li kienu jgħixu fil-Belġju u li ġiet mitluba t-tneħħija tagħhom lejn ir-Russja. M.D. sostna li missieru kien inqatel minn sostenituri tar-raġel li wara sar il-kap tar-Repubblika taċ-Chechnya. Intqal li sabiex ipatti għal dan il-qtil, ħu M.D. il-kbir kien imbagħad qatel membru tal-familja ta' dan il-mexxej. Xahrejn wara, M.D. u martu M.A. ġew attakkati waqt festin ta' għeluq is-snin, fejn minn hemmhekk ħarbu lejn l-Ingushetia. Huma qalu li kienu ġew informati minn omm u oħt M.D. li xi rġiel kienu qegħdin ifittxuh fejn minn hemmhekk il-koppja telqu mir-Russja. Huma komplew jargumentaw li ħaten M.D., li kien baqa' fiċ-Chechnya, inqatel wara t-tluq tagħhom.

40. Mal-wasla tagħhom fil-Belġju, M.D. u M.A. ppreżentaw l-ewwel applikazzjoni tagħhom għall-ażil. L-Office des étrangers (l-Uffiċċju għall-Barranin, il-Belġju) iddikjara l-applikazzjoni inammissibbli fuq il-bażi, fost affarijiet oħra, li vendetta personali ma kinitx tikkostitwixxi raġuni sabiex jingħata l-ażil. Il-Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (il-Kummissarju Ġenerali għar-Refuġjati u l-Persuni Mingħajr Stat, il-Belġju) li kkonstata li r-rakkont tal-avvenimenti mogħti minn M.D. u M.A. naqas mill-kredibbiltà, ikkonferma r-rifjut. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, il-Belġju) sussegwentement ċaħad it-talba tagħhom għal stħarriġ ġudizzjarju għaliex kemm M.D. kif ukoll M.A. kienu naqsu milli jattendu seduta. Huma mbagħad ġew innotifikati b'ordni sabiex jitilqu mill-pajjiż.

41. M.D. u M.A. sussegwentement ippreżentaw tliet applikazzjonijiet ulterjuri. F'dawn l-applikazzjonijiet għall-ażil il-ġodda huma esibixxew avviżi varji ppubblikati fl-istampa lokali taċ-Chechnya li fihom kien ġie offrut premju għal informazzjoni dwar fejn kien jinstab M.D. Ipproduċew ukoll iċ-ċertifikat tal-mewt ta' ħaten M.D. u taħrika mid-dipartiment tal-pulizija ta' Grozny sabiex M.D. jidher fuq suspett li kien iżomm armi illegali u li jappartjeni għal organizzazzjoni armata illegali. Dawn l-applikazzjonijiet il-ġodda ġew miċħuda minħabba li ma ġewx ippreżentati "elementi ġodda". Ir-raġunijiet għal din l-evalwazzjoni kienu li l-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni kkunsidrat li l-elementi sottomessi ma kinux jirriżultaw minn sors oġġettiv jew minn dokument imfassal minn awtorità [29], li d-data tad-dokument prodott bħala prova ġdida kienet tippreċedi l-applikazzjoni preċedenti u għalhekk kellu jiġi ppreżentat f'dak l-istadju, u li oriġinali (biss) ta' dokumenti li huma kienu diġà ssottomettew qabel ġew ippreżentati. Ir-raġunijiet li l-applikanti taw dwar l-għaliex huma ma kinux f'pożizzjoni li jippreżentaw dawn id-dokumenti qabel ma għamlux differenza għal din l-evalwazzjoni [30]. Dawn l-applikazzjonijiet sussegwenti ġew għalhekk bl-istess mod imbagħad miċħuda u huma ġew innotifikati b'ordni sabiex jitilqu mill-pajjiż, flimkien ma' ordni għad-detenzjoni tagħhom f'post speċifiku sakemm jitneħħew.

[27] Il-Qorti EDB, 2 ta' Ottubru 2012, Singh *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2012:1002JUD003321011, punt 104).

[28] Il-Qorti EDB, 19 ta' Jannar 2016 (CE:ECHR:2016:0119JUD005868912).

[29] Id-dokumenti sottomessi kienu artikli f'gazzetta li l-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni kkunsidrat li setgħu ġew ippubblikati fuq l-istigazzjoni tal-applikant. Raġunijiet oħra għaliex l-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni ma kkunsidratx li l-elementi ppreżentati kienu ġodda kienu li rapport ta' eżami dwar il-mewt ta' ħaten M.D. ma semmiex lill-applikant u li ma kien hemm l-ebda konnessjoni bejn dokument ieħor li jirrigwarda l-mewt tal-ġenituri tiegħu u ħutu u l-ħarba tal-applikant.

[30] Il-Qorti EDB, 19 ta' Jannar 2016, M.D. u M.A. vs Il-Belġju (CE:ECHR:2016:0119JUD005868912, punti 19 sa 31).

42. Wara rikors ippreżentat quddiem il-Qorti EDB, dik il-qorti ddeċidiet li, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dawn l-applikanti, it-tneħħija mhedda tal-applikanti lejn ir-Russja, mingħajr ma l-awtoritajiet Belġjani l-ewwel eżaminaw mill-ġdid ir-riskju li huma kienu jaffaċċjaw fid-dawl tad-dokumenti sottomessi sabiex isostnu r-raba' talba tagħhom għall-ażil, tkun tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB.

43. Il-Qorti EDB, wara li għamlet riferiment għall-ġurisprudenza tagħha rigward l-Artikolu 3 tal-KEDB, madankollu rrikonoxxiet l-interess leġittimu tal-Istati li jnaqqsu applikazzjonijiet għall-ażil repetuti u manifestament abbużivi u għalhekk li jipprevedu regoli speċifiċi meta jittrattaw tali talbiet. Hija kkonstatat li t-trattament ta' applikazzjoni sussegwenti fi proċedura mgħaġġla fih innifsu ma jwassalx għall-konstatazzjoni li l-eżami ma jissodisfax il-kriterji meħtieġa taħt l-Artikolu 3 tal-KEDB [31].

44. Il-Qorti EDB imbagħad ikkunsidrat, madankollu, li l-fatt li d-dokumenti ppreżentati ma kinux meqjusa bħala elementi ġodda kien ifisser, *de facto*, li ma kien hemm l-ebda eżami hu liema hu dwar l-allegat riskju li l-applikanti jkunu qegħdin jaffaċċjaw jekk jitkeċċew [32]. Il-Qorti EDB ikkonstatat li l-fatt li jitwarrbu dawn id-dokumenti, li kienu fil-qalba tat-talba tal-applikanti għal protezzjoni, ma kienx jissodisfa l-istandards meħtieġa ta' eżami indipendenti bir-reqqa u rigoruż li huwa mistenni mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jipprovdu għal protezzjoni effettiva kontra ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB. Il-Qorti EDB ikkritikat ukoll l-oneru tal-prova irraġonevoli mqiegħed fuq applikanti jekk dokumenti li huma jipprovdu jkunu miċħuda sempliċement għaliex huma ddatati qabel iż-żmien tal-aħħar applikazzjoni tagħhom, irrispettivament mill-isforzi tagħhom sabiex juru li huma ma kinux f'pożizzjoni li jippreżentawhom qabel.

45. Fil-prattika, il-Qorti EDB ibbażat il-konstatazzjonijiet tagħha kollha kemm huma fuq l-Artikolu 3 tal-KEDB. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija ma kkunsidratx li kien neċessarju li tikkunsidra l-istess fatti mill-angolu ta' applikazzjoni magħquda tal-Artikoli 3 u 13 tal-KEDB [33].

46. Filwaqt li dan il-każ b'mod ċar ma jirrigwardax l-obbligu ta' Stat li jawtentika dokumenti iżda pjuttost jirrigwarda l-ammissibbiltà ta' dokumenti mhux awtentikati f'applikazzjoni sussegwenti, min-naħa tiegħi, jiena la naqra l-kawża Singh *et* vs Il-Belġju [34] u lanqas il-kawża M.D. u M.A. vs Il-Belġju [35] bħala li jistabbilixxu obbligu universali, *ex ante* fuq l-Istati Kontraenti kollha sabiex iwettqu l-istħarriġ tagħhom tan-natura awtentika ta' kull dokument barrani pprovdut minn applikant għall-ażil. Huwa ċar, ovvjament, li jista' jkun hemm każijiet speċjali b'fatti partikolari fejn ikun sempliċement negliġenti għall-Istat Membru inkwistjoni li ma jwettaqx tali investigazzjoni minn jeddu. Iżda mhux kull każ ikun potenzjalment sempliċi bħal dawn iż-żewġ każijiet: kwistjonijiet ta' rilevanza, vijabbiltà u forsi anki spejjeż huma wkoll kunsiderazzjonijiet rilevanti. Jista' wkoll ikun hemm ħafna okkażjonijiet fejn l-applikant ikun f'pożizzjoni li jagħmel huwa stess l-investigazzjonijiet tiegħu u jipprovdi dokumentazzjoni ulterjuri u informazzjoni oħra lill-awtoritajiet [36].

[31] *Ibid*., punti 55 u 56.

[32] Dan kien b'mod partikolari evidenti f'dak il-każ Belġjan għaliex il-kompetenza għall-evalwazzjoni dwar jekk kinux ġew ippreżentati elementi ġodda u għall-evalwazzjoni tal-kontenut ta' dawn id-dokumenti kienet maqsuma bejn l-Uffiċċju għall-Barranin u l-Kummissarju Ġenerali għar-Refuġjati u l-Persuni Mingħajr Stat. Huwa biss meta l-elementi jkunu tqiesu li huma ġodda mill-ewwel wieħed li l-fajl jintbagħat lill-korp tal-aħħar.

[33] Il-Qorti EDB, 19 ta' Jannar 2016, M.D. u M.A. vs Il-Belġju, (CE:ECHR:2016:0119JUD005868912, punt 70).

[34] Il-Qorti EDB, 2 ta' Ottubru 2012, Singh *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2012:1002JUD003321011).

[35] Sentenza tad-19 ta' Jannar 2016 (CE:ECHR:2016:0119JUD005868912).

[36] Dokumenti ma humiex, madankollu, l-uniku mezz sabiex jintwera li applikant għandu dritt għal protezzjoni internazzjonali u l-fatt li dokumenti ma humiex awtentikati ma jfissirx neċessarjament li huma mingħajr valur probatorju; ara l-punti 51 u 59 *et seq*. ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara, ukoll, il-Qorti EDB, 23 ta' Awwissu 2016, J.K. *et* vs L-Isvezja (CE:ECHR:2016:0823JUD005916612, punti 91 sa 98), li tittratta l-obbligi rispettivi tal-applikant u tal-Istat.

47. Huwa importanti wkoll li jitfakkar li, pereżempju, fil-kawża Singh *et* vs Il-Belġju [37], id-dokumenti li ġew ipprovduti f'dak il-każ ġew miċħuda mill-Kunsill għall-Kwistjonijiet dwar Barranin abbażi li dokumenti ta' dak it-tip kienu faċli li jiġu ffalsifikati u l-ebda oriġinali ma ġiet ipprovduta. B'mod kritiku, madankollu, dak it-tribunal qatt ma kkonkluda, wara l-istħarriġ tiegħu tad-dokumenti, li dawn ma kinux awtentiċi: sempliċement qal li kienu ta' tip li kien faċli li jiġi ffalsifikat. Xi ħaġa simili tidher li ġrat fil-kawża M.D. u M.A. vs Il-Belġju [38], fejn l-awtoritajiet Belġjani dehru li ma ridux iwettqu eżami ta' dawn id-dokumenti addizzjonali fil-kuntest ta' applikazzjoni għall-ażil ġdida, anki jekk dawn id-dokumenti jidhru li kienu rilevanti ħafna għal kwalunkwe evalwazzjoni ta' kredibbiltà fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn M.D. u M.A. dwar ir-riskji li huma kienu jaffaċċjaw jekk ikunu rritornati lejn ir-Russja.

48. Skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, id-drittijiet irrikonoxxuti mill-Karta, fejn jikkorrispondu mad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB, għandhom l-istess tifsira u ambitu bħal dawk stabbiliti minn din il-konvenzjoni. Għaldaqstant, sa fejn il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 3 tal-KEDB hija ekwivalenti għall-projbizzjoni ggarantita mill-Artikolu 4 imma wkoll mill-Artikolu 19(2) tal-Karta [39], il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB deskritta iktar 'il fuq hija wkoll rilevanti fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Karta [40].

49. X'inhi, allura, ir-rilevanza ta' dawn id-deċiżjonijiet tal-Qorti EDB għal dawn il-proċeduri? Kif spjegat il-qorti tar-rinviju, dokumenti mhux awtentikati ma humiex meqjusa mis-Segretarju tal-Istat fi kwalunkwe applikazzjoni għall-ażil sussegwenti għaliex ma humiex meqjusa bħala "elementi jew fatti ġodda". Dan ifisser li huma diġà mwarrba taħt l-ewwel kriterju li jinstab fl-Artikolu 40(2) iktar milli taħt it-tieni kriterju li jinstab fl-Artikolu 40(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Dawn id-deċiżjonijiet iservu sabiex jinfurzaw il-fehma li jiena diġà esprimejt li prattika *ex ante* fejn tali dokumenti mhux awtentikati jiġu mwarrba awtomatikament f'applikazzjonijiet għall-ażil ġodda sempliċement la hija konsistenti mar-rekwiżiti tal-Artikolu 40(2) u (3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri u lanqas, għaldaqstant, mal-istandards bażiċi imposti fil-każ ta' applikazzjoni għall-ażil li tippreżenta kwistjonijiet serji u tqal taħt l-Artikolu 3 tal-KEDB u l-Artikolu 4 tal-Karta.

D. "Elementi jew fatti ġodda"

50. Kif il-qorti tar-rinviju stabbilixxiet b'mod korrett, id-Direttiva dwar il-Proċeduri ma fiha l-ebda definizzjoni tal-kliem "elementi jew fatti ġodda" jew imqar tal-kelma "elementi" biss.

51. L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika jiddefinixxi l-"elementi meħtieġa biex tiġi sostanzjata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" imsemmija fl-Artikolu 4(1) tagħha. Din id-definizzjoni hija wiesgħa ħafna u tinkludi d-dikjarazzjonijiet tal-applikant u d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tal-applikant rigward, *inter alia* l-isfond tal-applikant, il-post(ijiet) ta' residenza preċedenti u r-raġunijiet għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Il-kliem ta' din id-definizzjoni kjarament ma jillimitax il-kwalità tad-dokumenti li għandhom jitqiesu dokumenti li n-natura awtentika tagħhom tista' tiġi stabbilita.

37 Il-Qorti EDB, 2 ta' Ottubru 2012, Singh *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2012:1002JUD003321011).

38 Il-Qorti EDB, 19 ta' Jannar 2016 (CE:ECHR:2016:0119JUD005868912).

39 Fejn l-Artikolu 19(2) tal-Karta huwa l-iżjed dispożizzjoni speċifika li, skont l-Ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tinkorpora l-ġurisprudenza rilevanti mill-Qorti EDB dwar l-Artikolu 3 tal-KEDB. Ara wkoll is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-Istatus ta' Refuġjat) (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 94).

40 Id-Direttiva dwar il-Proċeduri u d-Direttiva dwar il-Kwalifika t-tnejn li huma jiddikjaraw speċifikament li dawn jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipji rrikonoxxuti mill-Karta, skont il-premessa 60 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri u l-premessa 16 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika.

52. Għandu jingħad, madankollu, li l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika jittratta speċifikament il-każ fejn aspetti tad-dikjarazzjoni ta' applikant bl-ebda mod ma jkunu sostnuti minn provi dokumentali jew provi oħra. Dan jistabbilixxi ħames kriterji li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex dawn l-aspetti jitqiesu mingħajr konferma. Dawn il-kriterji kollha jirrigwardaw jew l-isforzi tal-applikant sabiex jipprovdi dawn id-dokumenti jew il-kredibbiltà tiegħu – b'dawn it-tnejn ikunu konnessi. Jekk huwa għalhekk possibbli li jitqiesu aspetti ta' applikazzjoni għall-ażil mingħajr provi dokumentali jew provi oħra, għandu jkun ukoll possibbli li jitqiesu dokumenti li n-natura awtentika tagħhom ma hijiex ikkonfermata insostenn ta' aspetti ta' applikazzjoni għall-ażil.

53. Fl-evalwazzjoni tal-kliem "elementi jew fatti ġodda", wieħed għandu wkoll iżomm f'moħħu li d-Direttiva dwar il-Proċeduri hija maqsuma f'kapitoli differenti, li t-tieni wieħed minnhom jistabbilixxi l-prinċipji u l-garanziji proċedurali bażiċi. Il-Kapitolu III jittratta l-proċeduri fl-ewwel istanza li lilhom tappartjeni l-proċedura ta' applikazzjoni sussegwenti. L-ewwel dispożizzjoni ta' dan it-Tielet Kapitolu, l-Artikolu 31, tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fi proċedura ta' eżami b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II. Għalhekk, eżami sħiħ skont dawn il-prinċipji huwa r-regola. L-Artikolu 33 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jistabbilixxi l-każijiet li fihom applikazzjoni tista' titqies inammissibbli. L-Artikolu 33(2)(d) ta' din id-direttiva jipprevedi li applikazzjoni sussegwenti tista' titqies inammissibbli mill-Istati Membri fejn l-ebda element jew fatt ġdid relatat mal-eżami permezz tad-Direttiva dwar il-Kwalifika ma jkun irriżulta jew ġie ppreżentat mill-applikant.

54. Anki fil-każijiet ta' inammissibbiltà, regola proċedurali speċifika, jiġifieri li għandha ssir intervista dwar l-ammissibbiltà, hija prevista fl-Artikolu 34 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Għal darba oħra, madankollu, tista' ssir eċċezzjoni mill-Istati Membri fil-każ ta' applikazzjoni sussegwenti[41], jekk Stat Membru jagħmel użu mill-possibbiltà li jistabbilixxi fid-dritt nazzjonali regoli dwar l-eżami preliminari skont l-Artikolu 42 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Kif imsemmi iktar 'il fuq, l-Artikolu 42(2)(b) ta' din id-direttiva jawtorizza li l-eżami preliminari jsir fuq il-bażi unika ta' sottomissjonijiet bil-miktub. Għalhekk, skont it-Tieni Kapitolu tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, eżami sħiħ jista' jitneħħa f'każijiet eċċezzjonali u, f'każijiet iżjed eċċezzjonali, dan jista' jitneħħa mingħajr ma ssir intervista personali lill-applikant qabel ma tittieħed tali deċiżjoni. Dan ifisser li l-Artikolu 33(2)(d) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jistabbilixxi motivi għal esklużjoni minn eżami ulterjuri. Minħabba li dan jikkostitwixxi eċċezzjoni għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 31(1) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, dan għalhekk jitlob interpretazzjoni stretta[42].

55. L-għan tad-Direttiva dwar il-Proċeduri huwa li tiġi stabbilita sistema komuni ta' garanziji li sservi sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-Konvenzjoni ta' Genève u mad-drittijiet fundamentali[43]. Waħda mill-karatteristiċi prinċipali tagħha hija li kull applikant għall-ażil għandu jkollu aċċess għal proċeduri effettivi, l-opportunità li jikkoopera u li jikkomunika sewwa mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jippreżenta l-fatti rilevanti tal-każ tiegħu u garanziji proċedurali suffiċjenti sabiex isegwi l-każ tiegħu matul l-istadji kollha tal-proċedura[44].

41 It-tielet sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 34(1) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri.

42 Dan il-prinċipju huwa kkonfermat ulterjorment mill-premessa 43 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża LH (Tompa) (C-564/18, EU:C:2019:1056, punt 51) fir-rigward tal-kunċett ta' "pajjiż bla perikolu" (eċċezzjoni skont l-Artikolu 33(2)(c) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri).

43 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża X u X u Y (C-175/17 u C-180/17, EU:C:2018:34, punt 31) fir-rigward tal-predeċessur tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Din l-evalwazzjoni tibqa' applikabbli għad-Direttiva dwar il-Proċeduri kif inhu ċar mill-premessi 3, 25 u 60 tagħha.

44 Ara l-premessa 25 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri.

56. Applikazzjoni sussegwenti hija wieħed mill-każijiet rari fejn id-drittijiet ta' applikant sabiex jippreżenta l-każ tiegħu skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi *kollha* stabbiliti fil-Kapitolu II tad-Direttiva dwar il-Proċeduri huma ristretti. Kif jista' jiftiehem mill-premessa 36 ta' din id-direttiva, bilanċ jintlaħaq f'dawk il-każijiet bejn l-isforzi li jridu jsiru sabiex jiġi żgurat rikonoxximent korrett ta' persuni li jkollhom bżonn ta' protezzjoni u l-interessi tal-Istati Membri li jittieħdu deċiżjonijiet b'mod rapidu u effettiv. Skont din il-premessa, ikun sproporzjonat li l-Istati Membri jkunu obbligati jwettqu proċedura ġdida ta' eżami sħiħ fejn applikant jagħmel applikazzjoni sussegwenti *mingħajr ma jippreżenta provi jew argumenti ġodda*. Għalhekk, l-Artikolu 42 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jipprevedi eżami preliminari li huwa intiż li jeħles lill-Istati Membri milli jkollhom jittrattaw l-istess fatti u l-istess provi fi proċeduri varji li ma huwiex probabbli li jkollhom eżitu differenti. Il-bilanċ favur tali teħid ta' deċiżjonijiet b'mod rapidu jorbot b'mod sħiħ u b'mod kritiku fuq jekk "elementi jew fatti ġodda" – kif il-kriterju huwa deskritt kemm fl-Artikolu 33(2)(d) kif ukoll fl-Artikolu 40(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri – irriżultawx jew ġewx ippreżentati. Huwa biss jekk dan ma jkunx il-każ li l-miżien jegħleb u l-korp amministrattiv kompetenti jista' jillaxka r-rigorożità tiegħu huwa u jipprova jiżgura r-rikonoxximent korrett ta' persuna li jkun ħaqqha protezzjoni internazzjonali[45].

57. Il-ħsieb wara din id-dispożizzjoni huwa kjarament li l-eżami ta' elementi, differenti minn elementi ġodda, diġà jkun sar skont il-Kapitolu II fl-ewwel proċeduri. Jekk ma jiġi ppreżentat l-ebda element jew fatt ġdid, ma jistax jiġi mistenni eżitu differenti tal-proċedura, u għalhekk eżami mill-ġdid isir superfluwu. It-tieni kriterju f'dan l-eżami preliminari, li jinstab fl-Artikolu 40(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, jillimita l-elementi u l-fatti ġodda għal dawk li *jżidu sostanzjalment il-probabbiltà* tal-applikant li jikkwalifika għal protezzjoni internazzjonali. Dan it-tieni kriterju biss iħares lejn il-kwalità tal-provi l-ġodda. Taħt l-ewwel kriterju, huwa suffiċjenti li l-provi l-ġodda jirrigwardaw l-eżami dwar jekk l-applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali.

58. Il-Gvern Olandiż jargumenta li jekk dokumenti, li kopji tagħhom diġà jkunu ġew sottomessi mal-ewwel applikazzjoni, ikunu sottomessi mill-ġdid fl-oriġinal tagħhom, dawn jistgħu biss jixħtu iżjed dawl fuq is-sitwazzjoni jekk in-natura awtentika ta' dawn id-dokumenti tkun tista' tiġi stabbilita. Jekk dan ma jkunx il-każ, ma jistgħux jitqiesu li jkunu "elementi jew fatti ġodda". Dan il-fatt jitlob żewġ kummenti. L-ewwel, il-Gvern Olandiż jidher li jikkonfondi ż-żewġ kriterji rilevanti, jiġifieri (i) jekk "elementi jew fatti ġodda" ġewx ippreżentati u (ii) jekk huma "jżidux sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali". Minn dak li huwa jikkunsidra li huwa n-nuqqas tat-tieni kriterju, huwa jikkonkludi li l-ewwel wieħed huwa nieqes. It-tieni, il-Gvern Olandiż japprova metodu ta' azzjoni fejn dawn id-dokumenti mhux awtentikati lanqas huma evalwati fuq bażi individwali kif previst fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika. Minflok, l-applikant huwa obbligat jipproduċi ċerta kwalità ta' dokument, jiġifieri dokumenti awtentikati, inkella l-applikazzjoni sussegwenti tiegħu tiġi miċħuda awtomatikament.

59. Kif rajna, la interpretazzjoni letterali u lanqas waħda sistematika tal-Artikolu 40 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri u tal-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika ma jipprevedu bażi għal dan l-approċċ.

[45] Kif deskritt iktar 'il fuq, jekk ikun hemm elementi jew fatti ġodda, u dawn iżidu sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika taħt id-Direttiva dwar il-Kwalifika, ikun hemm eżami ulterjuri skont il-Kapitolu II tad-Direttiva dwar il-Proċeduri (Artikolu 40(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri).

E. Is-sinjifikat tan-natura awtentika ta' dokument

60. Ir-raġuni għaliex in-natura awtentika tad-dokumenti hija element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fil-proċedura għal protezzjoni internazzjonali hija sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet tal-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni ma jkunux ibbażati fuq dokumenti foloz, b'mod partikolari, dokumenti ffalsifikati. F'ħafna ċirkustanzi, barra minn hekk, il-fatt li dokument partikolari jkun intwera li huwa awtentiku jista' jkollu t-tendenza li jsaħħaħ il-kredibbiltà tal-każ ta' applikant.

61. It-trattament ta' dokumenti foloz huwa diskuss fl-Artikolu 14(3)(b) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika. Dan jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus ta' refuġjat ta' persuna jekk jiġi stabbilit mill-Istat Membru li l-użu ta' dokumenti foloz kien deċiżiv għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat. Għall-kuntrarju, ma hemm l-ebda dispożizzjoni li tgħid li tali sitwazzjoni għandha tiġi evitata (għalkollox) billi bl-ebda mod ma għandhom jitqiesu dokumenti mhux awtentikati fil-proċedura.

62. Mil-lat proċedurali, l-Artikolu 31(8)(e) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jawtorizza lill-Istati Membri jipprevedu li jekk applikant jagħmel rappreżentazzjonijiet "b'mod ċar […] foloz", il-proċedura ta' eżami tista' tiġi mgħaġġla u/jew titwettaq fil-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu. Huwa sinjifikattiv li f'tali każ, anki jekk ikunu saru rappreżentazzjonijiet "b'mod ċar […] foloz", il-proċedura tal-eżami xorta waħda trid issir skont il-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II ta' din id-direttiva [46]. Jidher kontradittorju li ma jingħatax il-benefiċċju ta' tali proċedura ta' eżami lil detentur ta' dokumenti li ma humiex foloz iżda li huma biss mhux awtentikati sempliċement minħabba li huma prodotti f'applikazzjoni sussegwenti. F'din il-kawża, lanqas hemm indikazzjoni li dawn jistgħu ma jkunux awtentiċi [47].

63. Il-premessa 21 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tixħet iżjed dawl fuq it-trattament ta' dokumenti foloz. Hija tipprevedi li anki l-użu ta' dokumenti ffalsifikati ma għandux iwassal *per se* għal rikors awtomatiku għal proċeduri tal-fruntiera jew mgħaġġla sakemm l-applikant jista' jagħti raġuni tajba [48].

64. Jidher għalhekk li anki l-użu ta' dokumenti li huma kjarament foloz ma jwassalx awtomatikament għal applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali sabiex titqies bħala inammissibbli (jew infondata). Dan jikkostitwixxi argument ulterjuri kontra l-interpretazzjoni dejqa mogħtija mis-Segretarju tal-Istat u mill-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat) lill-kliem "elementi jew fatti ġodda".

F. L-istandard ta' eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

65. L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika jistabbilixxi li huwa d-dmir tal-Istat Membru li jeżamina l-elementi rilevanti tal-applikazzjoni [49]. Skont l-Artikolu 4(3) ta' din id-direttiva, tali evalwazzjoni għandha titwettaq fuq bażi individwali. Kif ġie stabbilit iktar 'il fuq, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika fih lista estensiva ta' elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja stess iddeċidiet fir-rigward tal-eżami li għandu jitwettaq

[46] Applikazzjonijiet sussegwenti jistgħu jiġu ttrattati bl-istess manjiera skont l-Artikolu 31(8)(f) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jekk dawn ma jkunux diġà nstabu li huma inammissibbli.

[47] Għalkemm għandu jiġi aċċettat ukoll li n-natura awtentika tagħhom sa issa għadha ma ġietx pożittivament stabbilita.

[48] L-istess japplika għan-nuqqas ta' dokumenti.

[49] Dan id-dmir ta' evalwazzjoni għandu jitwettaq b'kooperazzjoni mal-applikant. Ser nirritorna għal dan iżjed tard.

mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Marzu 2019, E.[50]. F'dik il-kawża hija ddeċidiet li "[f]ir-rigward tal-eżami mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar in-natura probatorja jew plawżibbli tal-provi, tad-dikjarazzjonijiet jew tal-ispjegazzjonijiet […] l-evalwazzjoni individwali meħtieġa tirrikjedi li dawn l-awtoritajiet jieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha […]"[51]. Hija kienet preċedentement sostniet fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Novembru 2013, X *et*[52], li l-"awtoritajiet kompetenti […] għandhom ifittxu sabiex jistabbilixxu jekk iċ-ċirkustanzi stabbiliti jikkostitwixxux theddida tali li l-persuna kkonċernata jista' jkollha raġun li tibża', fir-rigward tas-sitwazzjoni individwali tagħha, li tkun effettivament is-suġġett ta' atti ta' persekuzzjoni". Hija sostniet ukoll li din l-evalwazzjoni tal-importanza tar-riskju, għandha, fil-każijiet kollha titwettaq bil-viġilanza u l-prudenza[53].

66. Il-proċedura preliminari fil-każ ta' applikazzjoni sussegwenti tillimita l-kriterji li għandhom jiġu evalwati għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 40(2) u (3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Din ma tipprevedix li l-istandard ta' evalwazzjoni ta' dawn il-kriterji huwa b'xi mod differenti minn dak fl-ewwel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali[54].

67. Dawn il-kunsiderazzjonijiet – flimkien ma' dawk deskritti mill-Qorti EDB fil-kawżi Singh *et* vs Il-Belġju[55] u M.D. u M.A. vs Il-Belġju[56] jistgħu jiġu applikati għall-prattika tas-Segretarju tal-Istat f'din il-kawża. Il-fatt li dokumenti mhux awtentikati ma humiex meħuda inkunsiderazzjoni għaliex ma humiex meqjusa "elementi jew fatti ġodda" jfisser li ma titwettaq l-ebda evalwazzjoni każ b'każ li tieħu inkunsiderazzjoni l-aspetti kollha rilevanti. L-interpretazzjoni li qiegħda tingħata lill-kliem "elementi jew fatti ġodda" mis-Segretarju tal-Istat u mill-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat) mhux biss ma għandha l-ebda bażi fil-kliem, l-istruttura u l-għan tad-Direttiva dwar il-Proċeduri u tad-Direttiva dwar il-Kwalifika, iżda tmur ukoll kontra l-garanziji previsti mill-Karta, jiġifieri dawk skont l-Artikolu 19(2) tal-Karta.

68. Minn dan isegwi li hemm ksur tal-Artikolu 19(2) tal-Karta sa fejn il-prattika tas-Segretarju tal-Istat iżżomm lill-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni milli tevalwa b'mod individwali jekk l-applikant huwiex qiegħed fir-riskju li jitkeċċa lejn Stat fejn hemm riskju serju li huwa ser ikun suġġett għall-piena tal-mewt, tortura jew trattament jew piena oħra inumani jew degradanti. Dan huwa kunċett idjaq minn dak imsemmi fl-Artikolu 40(2) u (3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, li jistaqsi jekk l-applikant jikkwalifikax għal protezzjoni internazzjonali fuq xi wieħed mill-każijiet stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Kwalifika, irrispettivament minn jekk dan jheddidx l-integrità ta' ħajtu jew ġismu[57].

[50] C-635/17, EU:C:2019:192, punti 63 sa 69; għalkemm fir-rigward tal-Artikolu 5(2) u tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86. Minħabba li din id-direttiva tifforma parti wkoll mis-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u minħabba li kemm l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika kif ukoll l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2003/86 jittrattaw b'mod simili każijiet fejn il-provi dokumentali neċessarji (uffiċjali) huma neqsin, ma hemm l-ebda raġuni għaliex din ma għandhiex tapplika għad-Direttiva dwar il-Kwalifika wkoll.

[51] Fil-punt 63.

[52] C-199/12 sa C-201/12, EU:C:2013:720, punti 72 u 73, fir-rigward ta' żewġ "elementi" li jinstabu fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2004/83.

[53] *Ibid.*

[54] Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[55] Il-Qorti EDB, 2 ta' Ottubru 2012, Singh *et* vs Il-Belġju (CE:ECHR:2012:1002JUD003321011).

[56] Il-Qorti EDB, 19 ta' Jannar 2016 (CE:ECHR:2016:0119JUD005868912).

[57] Ara l-Artikoli 9 u 15(c) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika.

69. Jidher ukoll mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti EDB fil-kawża M.D. u M.A. vs Il-Belġju[58] li l-evalwazzjoni ta' "elementi jew fatti ġodda" fl-eżami preliminari skont l-Artikolu 40(2) u (3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri għandha titwettaq bl-istess rigorożità u prudenza bħal dik tal-provi kollha fl-ewwel proċeduri sabiex jiġi żgurat li ma ssir l-ebda tkeċċija kontra l-Artikolu 19(2) tal-Karta.

70. L-aderenza ma' dan l-istandard fil-proċedura ta' eżami preliminari hija importanti b'mod partikolari għaliex l-Artikolu 42(b) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jawtorizza lill-Istati Membri jistabbilixxu fir-regoli nazzjonali li dan jista' jsir fuq il-bażi unika ta' sottomissjonijiet bil-miktub. F'din il-kawża, id-dritt tal-applikant li jispjega l-pożizzjoni tiegħu f'intervista personali skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jiddependi fuq l-eżitu pożittiv tal-eżami preliminari.

G. Problemi fil-kisba ta' provi, l-oneru tal-prova u l-obbligu ta' kooperazzjoni

71. Isegwi minn dak stabbilit iktar 'il fuq li kull regola jew prattika fi Stat Membru li tista' twassal għal sitwazzjoni fejn ma titwettaqx evalwazzjoni indipendenti (individwali) bir-reqqa u rigoruża tal-elementi jew fatti (ġodda) fi proċedura sussegwenti mill-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni tmur kontra l-Artikolu 40(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Sa fejn dawn l-elementi jew fatti jikkonċernaw provi fir-rigward tar-riskju tal-applikant li jitkeċċa lejn Stat fejn huwa jista' jaffaċċja tortura jew trattament jew piena oħra inumani jew degradanti, dan huwa wkoll kontra l-Artikolu 19(2) tal-Karta. Għalhekk, il-fatt li fi ħdan din il-proċedura jiġu prodotti dokumenti oriġinali awtentikati, dokumenti oriġinali mhux awtentikati jew kopji ta' dokumenti ma jista' jagħmel ebda differenza. Kollha għandhom jiġu eżaminati bl-istandard previst fl-Artikolu 40(2) u (3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, moqri flimkien mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika.

72. Ma huwa possibbli għall-awtorità responsabbli għad-determinazzjoni li tislet ebda konklużjoni mill-evalwazzjoni li tkun twettqet fl-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali preċedenti. Dan ikun jeqred kompletament l-iskop tal-eżami preliminari li huwa speċifiku għall-proċedura ta' applikazzjoni sussegwenti. Dan huwa b'mod partikolari ovvju f'din il-kawża. Skont ir-raġunament li fuqu hija bbażata l-ġurisprudenza stabbilita tal-Afdeling bestuursrechtspraak van de Raad van State (id-Diviżjoni tad-Dritt Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat), dokumenti awtentikati biss jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni sussegwenti għaliex diġà ġie stabbilit fil-proċedura għall-ażil preċedenti li t-talba għall-ażil ma hijiex kredibbli. Dan huwa meħud inkunsiderazzjoni meta jitqiesu l-elementi l-ġodda prodotti. F'din il-kawża, madankollu, il-fatt li parti kbira mill-provi tqieset kredibbli ma għandux jiġi injorat.

73. Lanqas ma jistgħu r-regoli ġenerali dwar l-oneru tal-prova jew l-obbligu tal-Istati Membri li jikkooperaw, li ġew stabbiliti fir-rigward tal-ewwel applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, ikunu differenti fil-każ tal-evalwazzjoni fl-eżami preliminari f'applikazzjoni sussegwenti. Ser nirrikapitola dawn fil-qosor u r-*ratio legis* tagħhom.

74. Kif sostnejt iktar 'il fuq, l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-Kwalifika jelenka varjetà wiesgħa ta' elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni kif ukoll regoli dwar kif dawn l-elementi jistgħu jiġu evalwati bħala provi. Diġà semmejt ukoll il-premessa 21 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri. Dan, preċiżament, huwa rikonoxximent ulterjuri mil-leġiżlatur tal-Unjoni tal-fatt li jista' ma jkunx possibbli għal refuġjat jieħu l-iżjed triq sempliċi sabiex iħalli l-pajjiż li minnu huwa jkollu jaħrab

[58] Il-Qorti EDB, 19 ta' Jannar 2016 (CE:ECHR:2016:0119JUD005868912).

kif ukoll tal-fatt li applikant għal protezzjoni internazzjonali jista' mhux dejjem ikun seta' jieħu d-dokumenti u l-provi kollha li jistgħu jkunu utli sabiex jipprova d-dritt tiegħu għal protezzjoni internazzjonali [59].

75. Dawn id-diffikultajiet ġew ukoll irrikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Hija żviluppat regoli li jiddeskrivu l-obbligi rispettivi tal-applikant u tal-Istat Membru fir-rigward tal-ġbir tal-provi. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ġeneralment huwa l-applikant li għandu jissottometti l-elementi kollha meħtieġa sabiex jissostanzja l-applikazzjoni. Iżda huwa l-obbligu tal-Istat Membru li jikkoopera mal-applikant fl-istadju tad-determinazzjoni tal-elementi rilevanti ta' din l-applikazzjoni. Kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja: "Dan ir-rekwiżit ta' kooperazzjoni li bih huwa vvinkolat l-Istat ifisser għalhekk konkretament li, jekk, tkun liema tkun ir-raġuni, il-provi prodotti mill-applikant għal protezzjoni internazzjonali ma humiex kompleti, attwali jew rilevanti, huwa neċessarju li l-Istat Membru kkonċernat jikkoopera attivament, f'dan l-istadju tal-proċedura, mal-applikant sabiex jippermetti li jinġabru l-provi li jistgħu jissostanzjaw l-applikazzjoni. Barra minn hekk, Stat Membru jista' jkun f'pożizzjoni aqwa mill-applikant sabiex ikollu aċċess għal ċerti tipi ta' dokumenti" [60]. Dan juri li huwa obbligu konġunt tal-applikant u tal-Istat Membru li jfittxu l-provi.

76. L-Artikolu 42 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri jipprevedi eżami preliminari. Riżultat pożittiv f'dak l-eżami huwa ċ-ċavetta tad-dħul sabiex isir eżami sħiħ ulterjuri. Filwaqt li l-ambitu ta' x'għandu jiġi eżaminat huwa limitat – jiġifieri, jekk elementi jew fatti ġodda rriżultawx jew ġewx ippreżentati u jekk dawn iżidux sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika għal protezzjoni internazzjonali – madankollu, ma hemm l-ebda indikazzjoni li dan l-eżami jista' jitwettaq bi standards differenti, jiġifieri, standards iżjed baxxi minn tal-ewwel proċedura. Kif ġie stabbilit iktar 'il fuq, l-Artikolu 19(2) tal-Karta kjarament jipprekludi prattika li żżid ir-riskju ta' tkeċċija ta' persuna lejn pajjiż fejn tkun suġġetta għall-piena tal-mewt, tortura jew trattament jew piena oħra inumani jew degradanti minħabba nuqqas ta' eżami ddettaljat ta' provi ġodda prodotti mill-applikant.

77. Huwa importanti li dan ikun ċar: Stat Membru ma jistax jiċħad *awtomatikament* applikazzjoni għall-ażil sussegwenti bħala inammissibbli *sempliċement* minħabba l-fatt li d-dokumentazzjoni pprovduta sabiex tissostanzja din l-applikazzjoni ma ġietx awtentikata abbażi li tali dokumenti mhux awtentikati ma jikkostitwixxux "elementi jew fatti ġodda". Dan ikun inkonsistenti mal-Artikolu 40(2) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri.

78. Dan, madankollu, ma jipprekludix lil Stat Membru milli jiċħad l-applikazzjoni bħala inammissibbli taħt it-tieni kriterju li jinstab fl-Artikolu 40(3) tad-Direttiva dwar il-Proċeduri għaliex evalwazzjoni individwali tal-"elementi jew fatti ġodda", meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aspetti kollha rilevanti, tiżvela li dawn id-dokumenti mhux awtentikati ma jżidux sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika għal protezzjoni internazzjonali. Dan jista' jkun il-każ jekk jinstab li d-dokumenti mhux awtentikati jkunu ġew iffabbrikati jew li ma jkunux rilevanti jew li ftit iżidu lill-każ ippreżentat fl-applikazzjoni għall-ażil preċedenti li ġiet ippreżentata mingħajr suċċess. Din l-evalwazzjoni tinkludi awtomatikament evalwazzjoni individwali, inkluż, pereżempju, dwar jekk applikant jaffaċċjax ir-riskju li jiġi ssuġġettat għall-piena tal-mewt, tortura jew trattament jew piena oħra inumani jew degradanti, għaliex dan ikun jikkostitwixxi raġuni għal protezzjoni sussidjarja skont l-Artikolu 15(b) tad-Direttiva dwar il-Kwalifika. L-applikazzjoni

[59] Ara wkoll il-Qorti EDB, 18 ta' Novembru 2014, M.A. vs L-Isvizzera (CE:ECHR:2014:1118JUD005258913, punti 55 u 62).

[60] Sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, M. (C-277/11, EU:C:2012:744, punti 65 u 66). L-"EASO Practical Guide: Evidence Assessment" ta' Marzu 2015, li l-Istati Membri għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni skont il-premessa 10 tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, jikkonferma dan. Il-punt 1.2.2.5, pereżempju, jiddikjara li, sabiex jiġi evalwat il-każ, l-uffiċjal tal-każ jista' wkoll ikollu jikseb provi oħra *ex officio*.

tista', ovvjament, tiġi miċħuda wkoll fl-aħħar ta' eżami ulterjuri b'mod konformi mal-Kapitolu II tad-Direttiva dwar il-Proċeduri, minkejja li jiġu ssodisfatti l-kriterji tal-Artikolu 40(2) u (3) ta' din id-direttiva.

V. Konklużjoni

79. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats 's-Hertogenbosch (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti fi 's-Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi) kif ġej:

1. Iż-żamma, minn awtorità responsabbli għad-determinazzjoni ta' Stat Membru, ta' prattika fejn dokumenti oriġinali qatt ma jistgħu jikkostitwixxu elementi jew fatti ġodda għall-finijiet ta' applikazzjoni għall-ażil sussegwenti jekk in-natura awtentika ta' dawn id-dokumenti ma tkunx tista' tiġi stabbilita ma hijiex kompatibbli mal-Artikolu 40(2) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, moqri flimkien mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija. Ma hemm l-ebda differenza bejn kopji ta' dokumenti jew dokumenti li ġejjin minn sors li ma jistax jiġi vverifikat b'mod oġġettiv sottomessi minn applikant f'applikazzjoni sussegwenti sa fejn id-dokumenti kollha għandhom jitqiesu bir-reqqa u b'mod rigoruż fuq bażi individwali sabiex jiġi vverifikat jekk dawn iżidux sostanzjalment il-probabbiltà li l-applikant jikkwalifika bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali u sabiex jiġi evitat li persuna titkeċċa jekk hija taffaċċja riskju individwali u reali li tkun suġġetta għal trattament li jmur kontra l-Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-Artikolu 40 tad-Direttiva 2013/32, moqri flimkien mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2011/95, ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lil awtorità responsabbli għad-determinazzjoni ta' Stat Membru, fl-evalwazzjoni ta' dokumenti u fl-attribuzzjoni ta' valur probatorju lil dawn id-dokumenti, tagħmel distinzjoni bejn dokumenti sottomessi mal-ewwel applikazzjoni u dawk sottomessi meta ssir l-applikazzjoni sussegwenti. Stat Membru, meta jevalwa dokumenti f'applikazzjoni sussegwenti, huwa obbligat jikkoopera mal-applikant bl-istess mod bħal fl-ewwel proċedura.